MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru. 1095/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Nick Agius ta' 21 sena bin Raymond u Nazzarena nee` Seisun, imwieled il-Pieta, fis-26 ta' Mejju, 1989, li joqghod fil-font: 51. ' Essex', Flt Nru 3, Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0289089(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Nick Agius u cioe`:

A) Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 t'Ottubru, 2010, ghal habta tal-3.45

ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq l-Ajkla, gewwa Bormla, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` vettura ta' l-ghamla Mini, mudell Mini Cooper, ta' lewn blu u bin-numru tar-registrazzjoni: EBO-878, ghad-dannu ta' Charles Sciberras u persuni ohra, liema hsara teccedi l-1,164.69 euros.

B) Akkuzat ukoll talli, fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 t'Ottubru, 2010, ghal habta ta' l-4.00 ta' filghodu filwaqt li kien fi Triq ix-Xatt, gewwa Bormla u fl-inhawi tal-madwar, saq vettura ta' l-ghamla Ford, mudell Escort u bin-numru ta' registrazzjoni AAV-818, b'velocita eccessiva.

C) Akkuzat ukoll talli, fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 t'Ottubru, 2010, ghal habta ta' l-4.00 ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq ix-Xatt, gewwa Bormla u fl-inhawi tal-madwar, saq vettura b'manjiera perikoluza u b'nuqqas tar-regolamenti tas-sewqan.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja tal-25 ta' Ottubru, 2010;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-

imputat, il-koperazzjoni tieghu fil-kors tal-investigazzjonijiet, il-fedina penali nadifa tieghu u fuq kollox il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel u iddikjara li lest li jhallas lill-vittma ghad-danni sofferti minnu. Il-Qorti fid-dawl tac-cirkostanzi u fid dawl tal-fatt illi l-imputat ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan in konnessjoni ma l-impjieg tieghu, ghalhekk mhix ser tghaddi ghall-iskwalifika.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Section 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issir lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' erbghatax (14) il-xahar prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. Inoltre l-Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq esposti fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma hijiex ser tghaddi biex tiskwalifika l-licenza tas-sewqan ta' l-imputat.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Intolere b'applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna lill-hati jhallas lil parte leza Charles Sciberras is-somma ta' erbat elef u tmienja u disghin euro u sitta u sebghin centezmu (€4,098.76) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed torbot lill-hati b'garanzija fil-konfront ta' Charles Sciberras u Sabrina Zammit ta' hames mitt euro (€500) u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------